Nru./No. 20,868
Prezz/Price
€8.64

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, 2022
Friday, 27th May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8729 - 8744
Government Notices ..... *8729 - 8744*

Avviżi tal-Pulizija ..... 8744 - 8747
Police Notices ..... *8744 - 8747*

Avviżi lill-Baħħara ..... 8747 - 8749
Notices to Mariners ..... *8747 - 8749*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 8750 - 8890
Employment Opportunities ..... *8750 - 8890*

Avviżi tal-Gvern ..... 8891 - 8898
Notices ..... *8891 - 8898*

Offerti ..... 8899 - 8906
Tenders ..... *8899 - 8906*

Avviżi tal-Qorti ..... 8907 - 8916
Court Notices ..... 8907 - 8916

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 604

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA
(KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, awtorizza r-rikonoxximent tal-għotja ta' dan l-unur mir-Repubblika Franċiża:

The National Order of Merit in the grade of Knight
Is-Sur Angelo Gafà

L-14 ta' Ottubru, 2021
COF-575-1962-XIV

GOVERNMENT NOTICES

No. 604

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT
(CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the following honour by the French Republic:

The National Order of Merit in the grade of Knight
Mr Angelo Gafà

14th October, 2021

Nru. 605

ATT DWAR IS-SERVIZZI TA' IMPJIEG U TAĦRIĠ
(KAP. 594)

Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 3 tal-Att dwar Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ (Kap. 594), il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, għoġbu jaħtar il-Bord tal-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol kif indikat hawn taħt:

Membri Indipendenti

Chairperson
Is-Sur Charles Cassar

Viċi Chairperson
Dott. Marouska Debono

Membru
Dott. Anita Giordimaina

Membri li jirrappreżentaw l-interessi tal-ħaddiema
Is-Sur Lawrence Mizzi
Is-Sa Joan Haber

Membri li jirrappreżentaw l-interessi tal-ħaddiema
Is-Sur Kevin Camilleri
Is-Sur Mario Sacco

No. 605

EMPLOYMENT AND TRAINING SERVICES ACT
(CAP. 594)

National Employment Authority

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred upon him by article 3 of the Employment and Training Services Act (Cap. 594), the President of Malta acting on the advice of the Prime Minster, has appointed the National Employment Authority Board as follows:

Independent Members

Chairperson
Mr Charles Cassar

Deputy Chairperson
Dr Marouska Debono

Member
Dr.Anita Giordimaina

Members representing the interests of the employers
Mr Lawrence Mizzi
Ms Joan Haber

Members representing the interests of the employees
Mr Kevin Camilleri
Mr Mario Sacco

Segretarju
Is-Sur Joseph Gauci

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mill-20 ta' Mejju, 2022.

Is-27 ta' Mejju, 2022

Nru. 606

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Uffiċjal hawn taħt imsemmi mill-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għall-Forza tar-Riżerva Regolari meta rriżenja b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn ismu.

Il-Kaptan Rene Bezzina 13 ta' Mejju, 2022

Is-27 ta' Mejju, 2022

Nru. 607

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-għoti ta' kummissjoni fir-rank ta' Second Lieutenant fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, lis-Sur Ashton Borg li qabel kien Second Lieutenant (Lista ta' Riżerva tal-Forzi Armati ta' Malta) b'seħħ mit-3 ta' Mejju, 2022.

Is-27 ta' Mejju, 2022

Nru. 608

KODIĊI TA'ORGANIZZAZZJONI
U PROĊEDURA ĊIVILI
(KAP. 12)

Ħatra ta' Kuratur Uffiċjali

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Ġustizzja ħatar lil din li tidher hawn taħt b'żieda mal-lista tal-Kuraturi Uffiċjali, a tenur tal-Artikolu 89 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perjodu mill-24 ta' Mejju, 2022 sal-31 ta' Diċembru, 2023.

AVUKAT
Dott. Tanya Sammut, LLD

Illum, 25 ta' Mejju, 2022
LAM 7/2017

Secretary
Mr Joseph Gauci

These appointments are valid for a period of two years with effect from 20th May, 2022.

27th May, 2022

No. 606

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has the pleasure to approve the transfer of the under-mentioned Officer from the Regular Force of the Armed Forces of Malta to the Regular Reserve Force, on resignation with effect from the date as shown against his name.

Captain Rene Bezzina 13th May, 2022

27th May, 2022

No. 607

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the grant of a commission in the rank of Second Lieutenant in the Armed Forces of Malta (Regular Force) to former Second Lieutenant Ashton Borg (Armed Forces of Malta Reserve List) with effect from 3rd May, 2022.

27th May, 2022

No. 608

CODE OF ORGANISATION
AND CIVIL PROCEDURE
(CAP. 12)

Appointment of Official Curator

IT is notified for general information that the Minister for Justice appointed the following on the list of Official Curators, in terms of Article 89 (1) of Chapter 12 of the Laws of Malta, for the period from 24th May, 2022 up to 31st December, 2023.

LAWYER
Dr Tanya Sammut, LLD

Today, 25th May, 2022

Nru. 609

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr Adriana Vella bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Nicolette Vella u dan għall-perjodu bejn l-24 ta' Mejju, 2022 u s-26 ta' Mejju, 2022.

Illum, 26 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 609

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Adriana Vella to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Nicolette Vella, for the period between the 24th May, 2022 and the 26th May, 2022.

Today, the 26th May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 610

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dr John Debono bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Loredana Micallef u dan għall-perjodu bejn it-28 ta' Mejju, 2022 u s-7 ta' Ġunju, 2022, iż-żewġ dati inklużi

Illum, 26 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 610

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr John Debono to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Loredana Micallef, for the period between the 28th May, 2022 and the 7th June, 2022, both days inclusive.

Today, the 26th May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 611

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħaddd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju, 2022, il-Ġnien tal-Barrakka t'Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku u jkun taħt il-kontroll ta' David Micallef.

Is-27 ta' Mejju, 2022

No. 611

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Saturday 4th June, 2022, and will be under the control of David Micallef.

27th May, 2022

Nru. 612

ELEZZJONI KAŻWALI 2022
IL-MELLIEĦA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fl-24 jum ta' Mejju, 2022, biex jimtela l-post li tbattal minn Castillo Ivan, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal ġew eżaminati u trasferiti skont il-liġi lill-kandidati nominati validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:

No. 612

CASUAL ELECTION 2022
IL-MELLIEĦA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 24th day of May, 2022, to fill the seat vacated by Castillo Ivan, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the law to the validly nominated candidates and that the result is as shown hereunder:

Numru ta' voti fil-Pakkett / *Number of votes in Parcel* } **587**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti / *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **294**

Isem tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA	
GAUCI JOSEPH	303E
MIFSUD ALFRED	207
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	77
Total *Total*	587

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi GAUCI JOSEPH ġie kif mistħoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum l-24 jum ta' Mejju, 2022
Dated this 24th day of May, 2022

JOE CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS, V. DALLI, R. DIMECH, D. GALEA, M. MIZZI
M. PORTELLI, S. SANT, V. SCERRI, A. SCIBERRAS, J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Is-27 ta' Mejju, 2022 27th May, 2022

Nru. 613

ELEZZJONI KAŻWALI 2022
BIRKIRKARA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fit-23 jum ta' Mejju, 2022, biex jimtela l-post li tbattal minn Schembri Justin, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal ġew eżaminati u trasferiti skont il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:

No. 613

CASUAL ELECTION 2022
BIRKIRKARA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 23rd day of May, 2022, to fill the seat vacated by Schembri Justin, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the law to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:

Numru ta' voti fil-Pakkett / *Number of votes in Parcel* } **946**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti / *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **473**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA	
VELLA LUKE	842E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	104
Total *Total*	946

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi VELLA LUKE ġie kif mistħoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum it-23 jum ta' Mejju, 2022
Dated this 23rd day of May, 2022

JOE CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS V. DALLI R. DIMECH D. GALEA M. MIZZI
M. PORTELLI S. SANT V. SCERRI A. SCIBERRAS J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 614

ELEZZJONI KAŻWALI 2022
BIRŻEBBUĠA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fit-23 jum ta' Mejju, 2022, biex jimtela l-post li tbattal minn Zammit Stanley, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal ġew eżaminati u trasferiti skont il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:

No. 614

CASUAL ELECTION 2022
BIRŻEBBUĠA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 23rd day of May, 2022, to fill the seat vacated by Zammit Stanley, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the law to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:

Numru ta' voti fil-Pakkett / *Number of votes in Parcel* } **543**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti / *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **272**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA	
BORG JOHANN	480E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	63
Total *Total*	543

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi BORG JOHANN ġie kif mistħoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum it-23 jum ta' Mejju, 2022
Dated this 23rd day of May, 2022

JOE CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS V. DALLI R. DIMECH D. GALEA M. MIZZI
M. PORTELLI S. SANT V. SCERRI A. SCIBERRAS J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Is-27 ta' Mejju, 2022 27th May, 2022

Nru. 615

ELEZZJONI KAŻWALI 2022
SANTA VENERA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fit-23 jum ta' Mejju, 2022, biex jimtela l-post li tbattal minn Carabott Darren, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal ġew eżaminati u trasferiti skont il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:

No. 615

CASUAL ELECTION 2022
SANTA VENERA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 23rd day of May, 2022, to fill the seat vacated by Carabott Darren, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the law to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:

Numru ta' voti fil-Pakkett / *Number of votes in Parcel* } **549**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti / *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **275**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA	
SULTANA ROBERTA ADRIANA	521E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	28
Total *Total*	549

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi SULTANA ROBERTA ADRIANA ġiet kif mistħoqq eletta Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum it-23 jum ta' Mejju, 2022
Dated this 23rd day of May, 2022

JOE CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS V. DALLI R. DIMECH D. GALEA M. MIZZI
M. PORTELLI S. SANT V. SCERRI A. SCIBERRAS J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 616

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fil-Mosta, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 616

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Il-Mosta, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
IL-MOSTA

TRIQ IL-MITJAR TA' QALI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Pawl Milqi
Left side entering from Triq San Pawl Milqi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Tal-Melecin	1

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Pawl Milqi
Right side entering from Triq San Pawl Milqi

Isem/Numru Qadim *Name/OldNumber*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2
3	4
Garaxx	6
Garaxx	8
RG Management (Uffiċċju)	10
Garaxx	12
Bieb imbarrat	14
Garaxx	16
Manakku Garage	18
Bieb bla numru	20
Garaxx	22
Bieb bla numru	24
Garaxx	26

Is-27 ta' Mejju, 2022

27th May, 2022

Nru. 617

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 989 tas-27 ta' Novembru, 2009, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 617

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 989 dated 27th November, 2009, under the title 'Renumbering of doors at Il-Fgura', the following amendments in **bold** should be made.

IL-FGURA

1. TRIQ COSPICUA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Sigismondo Savona
Left side entering from Triq Sigismondo Savona

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	51

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Sigismondo Savona
Right side entering from Triq Sigismondo Savona

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	54

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Elizabeth	53	Bieb bla numru	56
Sit bla bini	55	Sit bla bini	58
Sit bla bini	57	Sit bla bini	60
Sit bla bini	59	Sit bla bini	62
Sit bla bini	61	Bieb bla numru	64
		Sit bla bini	66
		Sit bla bini	68
		Sit bla bini	70
		7 (Garaxx)	72

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
51 (Garaxx)	51	54, **Nilaya**	54
Garaxx	**53**	56 (Flettijiet)	56
53	**55**	**Daħla għall-garaxxijiet**	**58**
53, Claydan Apartments	**57**	**Bieb bla numru**	**60**
Sit bla bini	59	**Bieb bla numru**	**62**
Sit bla bini	61	**Bieb bla numru**	**64**
		Bieb bla numru	**66**
		Bieb bla numru	**68**
		Sit bla bini	70
		72 (Garaxx)	72

Is-27 ta' Mejju, 2022

Nru. 618

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL KIRKOP

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 547 tas-27 ta' Ġunju, 2003, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Kirkop', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

27th May, 2022

No. 618

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL KIRKOP

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 547 dated 27th June, 2003, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Kirkop', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL KIRKOP

1. TRIQ SAN BENEDITTU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Rokku

Left side entering from Triq San Rokku

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Rokku

Right side entering from Triq San Rokku

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	70
Garaxx	72
Bieb bla numru (Dar)	74
Sit bla bini	76

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Sit bla bini	78
		L'Arc En Ciel	80

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		70, **Annuel**	70
		Sit qed jinbena	**72**
		Sit qed jinbena	**74**
		Daħla għall-garaxxijiet	**76**
		Graceland Court Apartments	**78**
		Bieb bla numru	**78A**
		80, L'Arc En Ciel	80

Is-27 ta' Mejju, 2022

Nru. 619

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL LIJA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 87 tat-30 ta' Jannar, 2009, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Lija', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

27th May, 2022

No. 619

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL LIJA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 87 dated 30th January, 2009, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Lija', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL LIJA

4. TRIQ SALVU MIFSUD

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Kardinal Ferretti

Left side entering from Triq Kardinal Ferretti

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	7
Dar Maria	9
Garaxx	11
Garaxx	13

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Kardinal Ferretti

Right side entering from Triq Kardinal Ferretti

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
7 (Garaxx)	7		
Bieb bla numru	**9**		
Bieb bla numru	**11**		
11 (Garaxx)	**11A**		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
13 (Garaxx)	13		

Is-27 ta' Mejju, 2022

27th May, 2022

Nru. 620

No. 620

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

NUMBERING OF DOORS AT IN-NAXXAR

Emendi

Amendments

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 629 tal-20 ta' Lulju, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fin-Naxxar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 629 dated 20th July, 2001, under the title 'Renumbering of doors at In-Naxxar', the following amendments in **bold** should be made.

IN-NAXXAR

47. TRIQ IN-NUTAR MANUEL DEBONO

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Ġorġ

Left side entering from Triq San Ġorġ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Mt. Carmel	25
St. John's House	27
Mcnary House	29
Ħanut	31
St. Michael	33
Sonny Boy	35
Garaxx	37
Sunset	39

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Ġorġ

Right side entering from Triq San Ġorġ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
25, Mt. Carmel	25
Lanmar	**27**
Van Ken	**29**
Fen Breeze	**31**
San Antonio Apartments	**33**
Daħla għall-garaxxijiet	**33A**
Alisier	**35**
12	**37**
Garaxx	**37A**
39, Sunset	39

Nru. 621

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MADLIENA, IS-SWIEQI

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1054 tat-8 ta' Ottubru, 2004, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Madliena, Is-Swieqi', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 621

NUMBERING OF DOORS AT MADLIENA, IS-SWIEQI

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 1054 dated 8th October, 2004, under the title 'Renumbering of doors at Madliena, Is-Swieqi', the following amendment in **bold** should be made.

MADLIENA, IS-SWIEQI

19. TRIQ IL-GLADJOLI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Prekursur

Left side entering from Triq il-Prekursur

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Prekursur

Right side entering from Triq il-Prekursur

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	2
Sit bla bini	4
Sit bla bini	6
Villa Calina	8

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	2
Villa Calina	8

* In-numri 4 u 6 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

Is-27 ta' Mejju, 2022

27th May, 2022

Nru. 622

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MADLIENA, IS-SWIEQI

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1072 tat-30 ta' Awwissu, 2019, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Madliena, Is-Swieqi', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 622

NUMBERING OF DOORS AT MADLIENA, IS-SWIEQI

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 1072 dated 30th August, 2019, under the title 'Numbering of doors at Madliena, Is-Swieqi', the following amendment in **bold** should be made.

MADLIENA, IS-SWIEQI

TRIQ IL-PREKURSUR

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Slielem

Left side entering from Triq is-Slielem

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Slielem

Right side entering from Triq is-Slielem

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
It-Turretta	16
Sit bla bini	18
Sit bla bini	20

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	22

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		16, It-Turretta	16
		Garaxx	**18**
		22 (Garaxx)	22

* In-numru 20 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

Is-27 ta' Mejju, 2022

Nru. 623

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MADLIENA, IS-SWIEQI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1267 tat-18 ta' Novembru, 2016, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Madliena, Is-Swieqi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

27th May, 2022

No. 623

NUMBERING OF DOORS AT MADLIENA, IS-SWIEQI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1267 dated 18th November, 2016, under the title 'Numbering of doors at Madliena, Is-Swieqi', the following amendments in **bold** should be made.

MADLIENA, IS-SWIEQI

TRIQ ŻEJNI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Prekursur
Left side entering from Triq il-Prekursur

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Notre Reve	35
Grada	37
Sit bla bini	39
Sit bla bini	41
Sit bla bini	43
Sit bla bini	45
Sit bla bini	47
Sit bla bini	49
Grada	51

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Prekursur
Right side entering from Triq il-Prekursur

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
35, Notre Reve	35		
37 (Grada)	37		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Inari	**39**		
Bieb bla numru	**41**		
51	51		

* In-numri 43, 45, 47 u 49 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

Is-27 ta' Mejju, 2022

Nru. 624

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL TARXIEN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 340 tal-21 ta' April, 2006, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Raħal Ġdid', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

27th May, 2022

No. 624

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL TARXIEN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 340 dated 21st April, 2006, under the title 'Renumbering of doors at Raħal Ġdid', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL TARXIEN

12. TRIQ IS-SORIJIET

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Sorijiet, Paola

Left side entering from Triq is-Sorijiet, Paola

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Sorijiet, Paola

Right side entering from Triq is-Sorijiet, Paola

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Mandalay	216
12	218
Bieb imbarrat	220
Garaxx	222
Bieb bla numru	224
9 (Garaxx)	226
8, Anivlas	228
7	230

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sakura	216
Bieb bla numru	**218**
Garaxx	**218A**
Bieb bla numru	**220**
Garaxx	222
224	224
Garaxx	**226**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**228**
230	230

Is-27 ta' Mejju, 2022

27th May, 2022

Nru. 625

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1249 tal-10 ta' Novembru, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żebbuġ', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 625

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1249 dated 10th November, 2017, under the title 'Numbering of doors at Ħaż-Żebbuġ', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAŻ-ŻEBBUĠ(M)

3. TRIQ TUMAS DINGLI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Isqof Ambroġ Buttigieg

Left side entering from Triq l-Isqof Ambroġ Buttigieg

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	1
Garaxx	3
Emmancelle	5
La Casa Dei Cigni	7

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Isqof Ambroġ Buttigieg

Right side entering from Triq l-Isqof Ambroġ Buttigieg

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4	4
Bieb bla numru (Dar)	6
Bieb bla numru (Dar)	8
Bieb bla numru (Dar)	10
Garaxx	12

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
1 (Garaxx)	1
Bieb bla numru (Dar)	**1A**
Daħla għall-garaxxijiet	**3**
Bieb bla numru (Dar)	**5**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**5A**
7, La Casa Dei Cigni	7

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
4	4
La Piazza Flats	**6**
Garaxx	**8**
Garaxx	**8A**
Grada	**10**
12 (Garaxx)	12

Is-27 ta' Mejju, 2022

27th May, 2022

Nru. 626

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 878, tad-19 ta' Ottubru, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 626

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 878, dated 19th October, 2001, under the title 'Numbering of doors at Il-Mosta', the following prolongation in **bold** should be made.

IL-MOSTA

3. TRIQ TA' L-AWRORA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-15 ta' Awwissu

Left side entering from Triq il-15 ta' Awwissu

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
59 (Garaxx)	15

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-15 ta' Awwissu

Right side entering from Triq il-15 ta' Awwissu

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	**17**		
Bieb bla numru	**19**		
Bieb bla numru	**21**		
Bieb bla numru	**23**		
Daħla għall-garaxxijiet	**25**		
Aphrodite	**27**		
Bieb bla numru (Flettijiet)	**29**		
Garaxx	**31**		
Kampanella	**33**		
Garaxx	**35**		
Lavish Hairdressing (Ħanut)	**37**		

Is-27 ta' Mejju, 2022

Nru. 627

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27.5.2022	€55.946	€0.657

Is-27 ta' Mejju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 78

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Nadur

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2022, mid-9.00 a.m. sal-10.30 a.m., minn Triq Madre Ġemma Camilleri, Pjazzetta Arċ.

27th May, 2022

No. 627

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27.5.2022	€55.946	€0.657

27th May, 2022

POLICE NOTICE

No. 78

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Nadur

On Sunday, 29th May, 2022, from 9.00 a.m. till 10.30 a.m., through Triq Madre Ġemma Camilleri, Pjazzetta Arċ. Martin

Martin Camilleri, Triq Diċembru Tlettax u Pjazza San Pietru u San Pawl.

Trasport pubbliku jista' wkoll ikun affettwat.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Mejju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 79

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Ġunju, 2022, mit-8.15 a.m. sa nofsinhar, mill-Pjazza tal-Parroċċa, Triq il-Kulleġġ, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Franġisk, Triq l-Isptar, Triq il-Kbira u Triq San Pawl.

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Ġunju, 2022, mill-5.15 p.m. sat-8.15 p.m., mill-Pjazza tal-Parroċċa, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam, Triq Santu Wistin, is-Saqqajja u Triq il-Kbira.

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Lulju, 2022, mill-5.15 p.m. sal-11.00 p.m., mill-Pjazza tal-Parroċċa, Triq il-Kulleġġ, Triq ilKonti Ruġġieru, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam, Triq Santu Wistin, is-Saqqajja u Triq il-Kbira.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Mejju, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 80

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Camilleri, Triq Diċembru Tlettax and Pjazza San Pietru u San Pawl.

Public transport may also be affected

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

27th May, 2022

POLICE NOTICE

No. 79

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Sunday, 19th June, 2022, from 8.15 a.m. till noon, through Pjazza tal-Parroċċa, Triq il-Kulleġġ, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Franġisk, Triq l-Isptar, Triq il-Kbira and Triq San Pawl.

On Sunday, 19th June, 2022, from 5.15 p.m. till 8.15 p.m., through Pjazza tal-Parroċċa, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam, Triq Santu Wistin, Saqqajja and Triq il-Kbira.

On Sunday, 3rd July, 2022, from 5.15 p.m. till 11.00 p.m., through Pjazza tal-Parroċċa, Triq il-Kulleġġ, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam, Triq Santu Wistin, Saqqajja and Triq il-Kbira.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

27th May, 2022

POLICE NOTICE

No. 80

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Marsa

Nhar is-Sibt, 4 ta' Ġunju, 2022, mis-6.00 a.m. sat-8.30 p.m., u mill-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2022, fis-7.00 a.m. sat-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2022, fil-11.00 p.m., għeluq u clearance ta' toroq minn Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa (minn quddiem il-knisja tat-Trinità sal-ewwel pompa tal-petrol).

Nhar is-Sibt, 11 ta' Ġunju, 2022, u nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 2022, clearance mill-5.00 p.m. sal-11.15 p.m. u għeluq mis-6.45 p.m. sal-11.15 p.m., minn Triq it-Tiġrija (mill-Marsa Sports Ground sa Triq Aldo Moro).

Minn nhar l-Erbgħa, 8 ta' Ġunju, 2022, għeluq ta' toroq u ħadd ma jista' jgħaddi mis-7.00 a.m. sa nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2022, sal-11.00 p.m., minn Trejqet Tal-Ġiżwiti.

Mill-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2022, sat-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2022, għeluq u clearance il-ġurnata kollha ta' Triq Balbi.

Nhar il-Ħamis, 7 ta' Ġunju, 2022, mis-2.00 p.m. sal-Erbgħa, 8 ta' Ġunju, 2022, san-00.30 a.m., għeluq u clearance ta' Triq Balbi.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju, 2022, mis-6.30 p.m. san-00.30 a.m., għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat. Se jkun hemm bżonn clearance. Il-marċ tal-banda se jgħaddi minn Triq Balbi minn quddiem il-knisja, Triq San Tumas, Triq Zerafa, Triq Patri Magri, Pjazza Patri Magri, Triq il-Marsa, Triq Azzopardi, Triq il-Marsa, u lura għal Triq Balbi sa quddiem iċ-Ċentru tal-Għaqda Festi Esterni Santissima Trinità.

Nhar is-Sibt, 11 ta' Ġunju, 2022, mis-6.30 p.m. san 00.30 a.m., għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat. Se jkun hemm bżonn clearance. Il-marċ tal-banda se jgħaddi minn quddiem l-għassa, Triq San Tumas, Triq Middleman, Triq it-Trinità Mqaddsa, Triq Zerafa, Triq il-Farfett, Pjazza Patri Magri, Triq il-Marsa, Triq is-Sebħ, Triq il-Marsa, u lura għal Triq Balbi sa quddiem iz-zuntier tal-knisja.

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 2022, mill-4.30 p.m. sal-10.30 p.m., għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat. Se jkun hemm bżonn clearance. Il-marċ tal-banda u l-purċissjoni se jgħaddu minn Triq Balbi, Triq Patri Feliċjan Bilocca, Triq Diċembru Tlettax, Triq Zerafa, Triq Magri, Pjazza Patri Magri, Triq il-Marsa, u lura għal Triq Balbi.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Marsa

On Saturday, 4th June, 2022, from 6.00 a.m. till 8.30 p.m., and from Thursday, 9th June, 2022, at 7.00 a.m. till Monday, 13th June, 2022, at 11.00 p.m., closure and clearance of streets through Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa (from in front of Trinity church till first petrol station).

On Saturday, 11th June, 2022, and on Sunday, 12th June, 2022, clearance from 5.00 p.m. till 11.15 p.m. and closure from 6.45 p.m. till 11.15 p.m., through Triq it-Tiġrija (from Marsa Sports Ground till Triq Aldo Moro).

From Wednesday, 8th June, 2022, closure and clearance of streets from 7.00 a.m. till Monday, 13th June, 2022, till 11.00 p.m., through Trejqet Tal-Ġiżwiti.

From Thursday, 9th June, 2022, till Monday, 13th June, 2022, closure and clearance all day of Triq Balbi.

On Tuesday, 7th June, 2022, from 2.00 p.m. till Wednesday, 8th June, 2022, till 00.30 a.m., closure and clearance of Triq Balbi.

Public transport will not be affected.

On Thursday, 9th June, 2022, from 6.30 p.m. till 00.30 a.m., closure of street and public transport will be affected. Clearance needed. Band march passes through Triq Balbi from in front of the church, Triq San Tumas, Triq Zerafa, Triq Patri Magri, Pjazza Patri Magri, Triq il-Marsa, Triq Azzopardi, Triq il-Marsa and back to Triq Balbi till in front of centre of Għaqda Festi Esterni Santissima Trinità.

On Saturday, 11th June, 2022, from 6.30 p.m. till 00.30 a.m., closure of street and public transport will be affected. Clearance needed. Band march passes through Triq Balbi from in front of the Police Station, Triq San Tumas, Triq Middleman, Triq it-Trinità Mqaddsa, Triq Zerafa, Triq il-Farfett, Pjazza Patri Magri, Triq il-Marsa, Triq is-Sebħ, Triq il-Marsa and back to Triq Balbi till in front of the church parvis.

On Sunday, 12th June, 2022, from 4.30 p.m. till 10.30 p.m., closure of street and public transport will be affected. Clearance is needed. Band march and procession passes through Triq Balbi, Triq Patri Feliċjan Bilocca, Triq Diċembru Tlettax, Triq Zerafa, Triq Magri, Pjazza Patri Magri, Triq il-Marsa, and back to Triq Balbi.

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 2022, mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m. tat-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2022, għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat. Se jkun hemm bżonn clearance. Il-marċ tal-banda jgħaddi minn Triq Simpson, Triq Balbi sal-knisja, u lura għaċ-Ċentru tal-Għaqda Festi Esterni Santissima Trinità.

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 2022, mill-4.30 p.m. sal-11.00 p.m., għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat. Se jkun hemm bżonn clearance. Marċ tal-banda u programm mużikali fi Triq Balbi.

Il-Furjana

Mill-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju, 2022, mill-5.00 a.m., sal-Ġimgħa, 22 ta' Lulju, 2022, sal-10.00 p.m., mill-parkeġġ ta' ħdejn il-Fosos.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Il-Qrendi

Nhar is-Sibt, 18 ta' Ġunju, 2022, mill-4.00 p.m. sas-7.30 p.m. (m'hemmx clearance) minn Triq il-Ħniena, Triq il-Kbira u Triq Rokku Buhagiar.

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Ġunju, 2022, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar (m'hemmx clearance) minn Triq il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, Triq il-Kbira, Triq is-Salvatur, Triq it-Torri u Triq San Nikola.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Mejju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 71 tal-2022

Wirja tan-Nar mix-Xatt 'il barra miIl-Fortizza Manoel – 29 ta' Mejju, 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsir spettaklu ta' logħob tan-nar ta' tliet (3) minuti mix-xatt tal-Fortizza Manoel nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2022. Il-wirja se tkun iċċentrata fil-Punt A (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.203	14° 30'.425

On Sunday, 12th June, 2022, from 7.30 p.m. till 1.00 a.m. of Monday,13th June, 2022, closure of street and public transport will be affected. Clearance is needed. Band march passes through Triq Simpson, Triq Balbi till the church, and back to the centre of Għaqda Festi Esterni Santissima Trinità.

On Sunday, 12th June, 2022, from 4.30 p.m. till 11.00 p.m., closure of street and public transport will be affected. Clearance is needed. Band march and musical programme in Triq Balbi.

Floriana

From Friday, 17th June, 2022, from 5.00 a.m., to Friday, 22nd July, 2022, till 10.00 p.m., through parking area next to the Granaries.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Road closure will be done as required.

Qrendi

On Saturday, 18 th June, 2022, from 4.00 p.m. to 7.30 p.m. (no clearance) through Triq il-Ħniena, Triq il-Kbira and Triq Rokku Buhagiar.

On Sunday, 19th June, 2022, from 8.00 a.m. to noon (no clearance) through Triq il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, Triq il-Kbira, Triq is-Salvatur, Triq it-Torri and Triq San Nikola.

Public transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

27th May, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 71 of 2022

Fireworks Display from the Foreshore off Il-Fortizza Manoel – 29th May, 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a 3-minute fireworks display will be let off from the foreshore of Il-Fortizza Manoel on Sunday, 29th May, 2022. The display will be centred at Point A (as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) in the approximate following position:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 54'.203	14° 30'.425

Il-logħob tan-nar se jsir bejn il-11.30 p.m. u nofsillejl.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma avżati biex iżommu 60 metru 'l bogħod mill-punt A fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Kwalunkwe dgħajjes irmiġġati jew ankrati fiż-żona kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għandhom jitneħħew matul id-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kull persunal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

Is-27 ta' Mejju, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 72 tal-2022

Rimi ta' Materjal Inert fi Spoil Ground

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara, sidien ta' bastimenti u lill-pubbliku ġenerali, li l-Awtorità tar-Riżorsi Ambjentali rrestrinġiet l-użu tas-spoil ground iċċentrat fuq il-pożizzjoni li ġejjin.

Latitudni (T) Longitudni (L)

35° 55'.035 014° 33'.952

Żona ġiet nominata żona ta' importanza arkeoloġika kif ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Iż-żona għalhekk titqies bħala sit protett, skont il Cultural Heritage Act (Kap. 445).

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, b'dan javża li b'seħħ immedjat, il-kaptana kollha tal-bastimenti li bi ħsiebhom jarmu xi materjal inert fis-spoil ground għandhom jagħmlu dan biss fl-emisferu tan-Nofsinhar, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u għandhom jikkomunikaw fuq VHF Channel 12 u/jew 16 mal-Valletta VTS, skont il-proċeduri operattivi standard qabel ir-rimi. Huma għandhom josservaw kull struzzjoni maħruġa minn Valletta VTS.

Charts affettwati: BA 2537, 2538

Is-27 ta' Mejju, 2022

The fireworks display will take place between 11.30 p.m. and midnight.

In view of the above, mariners are advised to keep 60 metres away from point A on the above-mentioned date and time.

Any boats berthed or anchored within the area shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are to be removed during the above-mentioned date and time.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

27th May, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 72 of 2022

Dumping of Inert Material at Spoil Ground

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners, owners of vessels and the general public that the Environment Resources Authority has restricted the use of the spoil ground centred at the following coordinates.

Latitude (N) Longitude (E)

35° 55'.035 014° 33'.952

An area has been designated as an area of archaeological importance, as has been published in the Government Gazette by the Superintendence of Cultural Heritage. The area is thus considered as a protected site, in line with the Cultural Heritage Act (Cap. 445).

In view of the above, the Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies that with immediate effect, all masters of vessels intending to dump any inert material in the spoil ground are to do so only in the southern hemisphere, as shown in red on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Mariners are to note the above and to communicate on VHF channels 12 and/or 16 with Valletta VTS, as per standard operating procedures prior to dumping. They are to observe any instructions issued by Valletta VTS.

Charts affected: BA 2537, 2538

27th May, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 73 tal-2022

B'żieda ma Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 47 u 52 tal-2022 rigward Żoni Ristretti Dežinjati – 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara, sidien ta' bastimenti u lill-pubbliku ġenerali li b'żieda ma Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 47 u 52 tal-2022 dwar Żoni Ristretti Dežinjati – 2022, iż-żoni li ġejjin ġew stabbiliti wkoll bħala żoni ristretti dežinjati għan-navigazzjoni:

O) Fil-Bajja ta' San Ġorġ, iż-żona li tgħaqqad il-punti O1, O2, O3, O4 u x-xatt ta' bejniethom kif murija fuq it-tabella O fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Punti	*Latitudni (T)*	*Lonġitudni (L)*
O1	35° 55'.615	014° 29'.339
O2	35° 55'.609	014° 29'.342
O3	35° 55'.627	014° 29'.395
O4	35° 55'.633	014° 29'.392

P) Fil-Bajja ta' San Ġorġ, iż-żona li tgħaqqad il-punti P1, P2, P3, P4 u x-xatt ta' bejniethom kif murija fuq it-tabella P fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

c. in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Baromedicine.

5.3 The successful candidate eligible under paragraph 5.2 (iii) (c) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta and must also be fully registered with the Medical Council of Malta before appointment.

5.4 Candidates applying in terms of paragraph 5.2 (iii) (b) and paragraph 5.2 (iii) (c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought. For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at (https://deputyprimeminister.gov.mt)/en/sph/Pages/Specialist-Accreditation-Committee.aspx.

5.5 Candidates applying in terms of paragraph 5.2 (iii) (b) or paragraph 5.2 (iii) (c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 5.4 should include a copy of that statement with their application and present statement may still apply, provided that they submit a copy of that statement as soon as it is available and, in any case, by not later than the closing date for the call of applications. Applicants who fail to present the required statement within the one (1) month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one (1) month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the

Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjoni itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

5.6 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.7 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 5.1 sa 5.6 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.8 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.8, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

5.6 Applicants must be of conduct which is appropriate to the position applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.7 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.6 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.8 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.8, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki; pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171 through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 13th June, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications; the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

Is-sit elettroniku, in-numru tal-fax u l-indirizz elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huma (https://deputyprimeminister.gov.mt), +356 2299 2604 u (recruitment.health@gov.mt).

Is-27 ta' Mejju, 2022

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Assistant Manager (Procurement) fis-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Procurement) fis-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager (Procurement) li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2022 huwa ta' €19,323 fis-sena, li jiżdied bi €354 fis-sena sa massimu ta' €21,447.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11, li fis-sena 2022 hija ekwivalenti għal €20,616 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €22,867, mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b), f'perjodu ta' mhux iktar minn sentejn (2) mid-data tal-ħatra, fejn fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija.

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€21,950 x €407.67 - €24,396) fis-sena 2022 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal

The website address, fax number and email address of the Ministry for Health are (https://deputyprimeminister.gov.mt), +356 2299 2604 and (recruitment.health@gov.mt).

27th May, 2022

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Assistant Manager (Procurement) in the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) within Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health, invites applications for the post of Assistant Manager (Procurement) in the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) within the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager (Procurement) for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) (a) or (iii) (c) is Salary Scale 12, which in the year 2022 is equivalent to, €19,323 per annum, rising by annual increments of €354 up to a maximum of €21,447.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2022 is equivalent to €20,616 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €22,867, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (iii) (b), in not more than two (2) years from the date of appointment, failure of which, appointment would be relinquished.

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (iii) (b) will be placed in Salary Scale 11, which will progress to Scale 10 (€21,950x €407.67 - €24,396) in the year 2022 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite

pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn Uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi maniġerjali/ta' uffiċjal/prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. Uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Procurement, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager (Procurement) jinkludu li:

i. Jifhem, u josserva l-implimentazzjoni ta' stadji differenti taċ-ċiklu tax-xiri pubbliku, b'għarfien tal-interazzjonijiet relatati bejn il-fażijiet, u r-riskji involuti;

ii. Jitgħallem u jżomm aġġornat mal-iżviluppi nazzjonali tal-leġiżlazzjoni tax-xiri pubbliku, ir-rekwiżiti tal-politika dwar ix-xiri pubbliku, ir-regoli, il-linji gwida, iċ-ċirkulari u materjal ieħor relatat max-xiri pubbliku sabiex jappoġġja d-deċiżjonijiet tal-organizzazzjoni dwar xiri pubbliku;

iii. Jopera b'mod proficenti s-sit elettroniku tax-xiri pubbliku u diversi għodod elettroniċi disponnibbli sabiex jappoġġja l-proċeduri tax-xiri pubbliku;

iv. Iżomm id-databases tal-IT aġġornati b'informazzjoni korretta tal-offerti ppubblikati matul iċ-ċiklu tax-xiri pubbliku;

position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.7 Lateral applications by Public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the managerial/officer/practitioners streams must have served in their current post, and are to serve in this post, for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in Procurement, in accordance with established vacancies.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager (Procurement) include:

i. Understands, and monitors the implementation of the different steps of the procurement cycle, with an understanding of the interactions between the phases, and the risks involved;

ii. Learns and keeps abreast of developments in national procurement legislation, public procurement policy requirements, rules, guidelines, circulars and other procurement related material to support the organisation's procurement decisions;

iii. Operates proficiently the electronic Public Procurement System and other electronic tools available for supporting procurement procedures;

iv. Keeping of IT databases updated with correct information of tenders published and throughout the whole procurement cycle;

v. Jifhem, jinteraġixxi, jibni u jżomm relazzjoni effettiva ma' partijiet interessati interni u esterni sabiex jiġu mifhuma u milħuqa l-obbligazzjonijiet u l-bżonnijiet tal-organizzazzjoni, inkluż iżda mhux limitati biex jinforma lill-Contracting Authority li l-offerti nfetħu, jara li s-sottomissjoni tar-Rapporti ta' Evalwazzjoni ssir fil-ħin u jibgħat n-noti ta' tfakkir meħtieġa.

vi. Jifhem u japplika l-prinċipji ta' trasparenza, mhux diskriminatorji u trattament ugwali, kif ukoll l-istandards ta' etika, privatezza, kunfidenzjalità u integrità relatati fis-suq ta' konsultazzjoni u impenji mal-forniturі;

vii. Iwettaq kompiti bażiċi ta' ppjanar ta' xiri pubbliku, bħal ġbir u konsolidament ta' kontribuzzjonijiet minn diversi dipartimenti;

viii. Jifhem l-iskop u l-benefiċċji ta' xiri pubbliku sostenibbli sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà tal-organizzazzjoni (Green Public Procurement (GPP), Socially-Responsible Public Procurement (SRPP), kompetizzjoni ġenwina (ekwità aktar minn ugwaljanza) u parteċipazzjoni tal-SME);

ix. Jipprovdi pariri sabiex jappoġġja l-istrateġija tax-xiri pubbliku fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet; eż. jiġbor fil-qosor u jirrapporta informazzjoni miġbura dwar l-għażliet ta' xiri. Jikkomunika b'mod effettiv u konċiż ma' firxa ta' forniturі billi jadatta l-messaġġ kif xieraq;

x. Jappoġġja l-ivvettjar/jipprepara dokumenti tax-xiri pubbliku bħal struzzjonijiet lil min jagħmel l-offerta, l-annessi li jridu jiġu kompluti/imtellgħin fis-sistema elettronika, ibbażati fuq regolamenti nazzjonali u tal-EU, politiki, kundizzjonijiet, linji gwida u mudelli;

xi. Jappoġġja l-evalwazzjoni u l-proċess ta' wara l-għoti, li jinkludi, iżda mhux limitat għal: l-ivvettjar/preparazzjoni ta' dokumentazzjoni għal, fost l-oħrajn, il-General/Departmental Contracts Committee, Tender Evaluation Committees u l-abbozzar ta' kuntratti u addenda;

xii. Jappoġġja l-konsenja tal-kuntratt u modifikazzjoni ta' funzjonijiet f'konformità mal-ħin tal-proġett, l-ispiża, il-benefiċċji u varjabbli tar-riskji;

xiii. kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiv. kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

v. Understands, interacts, builds and maintains an effective relationship with internal and external stakeholders to understand and fulfil organisational obligations and needs including but not limited to informing Contracting Authorities that offers have been unlocked, monitoring the timely submission of the Evaluation Reports and sending the necessary reminders.

vi. Understands and applies the principles of transparency, non-discrimination and equal treatment, as well as ethical, privacy, confidentiality and integrity standards in market consultations and engagements with suppliers;

vii. Performs basic procurement planning tasks, such as collecting and consolidating contributions from various departments;

viii. Understands the scope and benefits of sustainable procurement for achieving the organisation's sustainability objectives (Green Public Procurement (GPP), Socially-Responsible Public Procurement (SRPP), genuine competition (equity more than equality) and SME participation);

ix. Provides input to support the procurement strategy decision-making process; e.g. summarise and report information gathered on procurement options. Communicates in an effective and concise manner with a range of stakeholders by tailoring the message accordingly;

x. Supports the vetting/preparation of procurement documents such as instructions to tenderers, annexes to be completed/uploaded, based on relevant EU and national regulations, policies, conditions, guidelines and templates;

xi. Supports the evaluation and post-award process, including, but not limited to: the vetting/preparation of documentation for, amongst others, the General/Departmental Contracts Committee, Tender Evaluation Committees; and the drafting of contract agreements and addenda;

xii. Supports the contract delivery and modification functions in line with project time, cost, quality, scope, benefits and risks variables;

xiii. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. ċittadini ta' Malta ; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża. Madankollu, il-kandidati li ma jissodisfawx il-livell ta' komunikazzjoni bil-lingwa Maltija u ma jkollhomx mill-inqas MQF ta' Livell 1 fil-lingwa Maltija, iridu jattendu u jgħaddu b'suċċess fl-assessjar mil-kors 'Maltese Language 1' offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. L-attendenza għal dan il-kors flimkien mall-kisba tal-Livell 1 tal-MQF

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in Maltese and English languages. However, candidates who do not satisfy the ability to communicate in Maltese language and do not possess at least an MQF Level 1 in the Maltese language must attend and be successful in the assessment of the 'Maltese language 1', course offered by the Institute of Public Services. Attendance to such course together with the attainment of MQF Level 1,

għandhom jitlestew qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ;

U

iii. a. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fil-Procurement jew Finanzi jew Business jew Management jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli fil-Procurement jew Finanzi; JEW

b. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Procurement jew Finanzi jew Business jew Management jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli fil-Procurement jew Finanzi; JEW

c. (i) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat, u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (li għandhom jinkludu tnejn (2) minn dawn is-suġġetti: Matematika jew Ekonomija) jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta; JEW

(ii) fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li jrid jinkludi wieħed mis-suġġetti minn dawn: Accounts jew Ekonomija jew Fiżika jew Computing/ICT, jew Marketing jew Matematika Pura jew Matematika).

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120/60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

Kandidati magħżula li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonnoxxta fil-Livell 4 tal-MQF (kwalifika jew żewġ suġġetti fil-Livell Avvanzat flimkien ma' tliet suġġetti fil-livell Intermedju tal-Matrikola jew fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli), fl-oqsma indikati fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (c) jidħlu bħala Assistant Manager (Skala ta' Salarju 12). Mal-ħatra, dawk appuntanti, iridu jintrabtu li jlestu b'suċċess kwalifika rikonoxxuta f'qasam relatat fil-Livell 5 tal-MQF, f'perjodu ta' mhux aktar tard minn sentejn (2), biex jipprogressaw għal Skala ta' Salarju 11 fejn, fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija. Mal-akkwist ta' Diploma rilevanti fil-Livell 5 tal-MQF f'oqsma relatati, dawn l-uffiċjali jipprogressaw għal Assistant Manager (Skala ta' Salarju 11). Il-progressjonijiet l-oħra kollha għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet indikati fid-dokument li jismu 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

are to be completed before the confirmation of appointment i.e. within the twelve (12) months of engagement;

AND

iii. a. in possession of a recognised qualification at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Procurement or Finance or Business or Management or a recognised comparable qualification in Procurement or Finance; OR

b. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Procurement or Finance or Business or Management or a recognised comparable qualification in Procurement or Finance; OR

c. (i) in possession of two (2) subjects at Advanced Level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (which must include two (2) of the following subjects: Mathematics and Economics) or a recognised pertinent comparable qualification; OR

(ii) In Possession of three (3) subjects at Advanced Level (which must include one of the following: Accounts or Economics or Physics or Computing/ICT or Marketing or Pure Mathematics or Mathematics).

*A recognised qualification comparable to 120/60 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application.

iv. Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4, (qualification or two subjects at Advanced Level and three subjects at Intermediate Matriculation level, or in possession of three (3) subjects at Advanced level, or a recognised comparable qualification) in the areas highlighted in 4.1 (iii) (a) or (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). On appointment, appointees will bind themselves to successfully complete a recognised Diploma in a related area at MQF Level 5, in not more than two (2) years, to progress to Salary Scale 11, failure of which they would relinquish their appointment. Upon possession of a relevant MQF Level 5 in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions enshrined in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (a) sa 4.1 (c) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2022. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) jew 4.2.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (a) to 4.1 (c) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2022. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progress entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualifications referred to in clauses 4.1 (iii) and 4.2.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their

tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15 Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 13th June, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (https://deputyprimeminister.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

Is-27 ta' Mejju, 2022

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Post ta' Manager I fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I, fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Division are (https://deputyprimeminister.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt).

27th May, 2022

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, FOOD AND ANIMAL RIGHTS

Post of Manager I in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, invites applications for the post of Manager I in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights.

Termini u kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager I huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fl-2022 huwa ta' €21,950 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena, sa massimu ta' €24,396.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 10 titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 fis-sena 2022) wara sentejn (2) servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Manager I fi Skala ta' Salarju 9 titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766 fis-sena 2022) wara ħames (5) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 9, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

